



Brussell, 6 ta' Mejju 2021
(OR. en)

8525/21

Fajl Interistituzzjonal:
2021/0116(BUD)

FIN 338
SOC 254

PROPOSTA

| | |
|-------------------|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġeneral tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 6 ta' Mejju 2021 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġeneral tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2021) 227 final |
| Suġġett: | Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara applikazzjoni mill-Finlandja – EGF/2020/007 FI/Finnair |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2021) 227 final.

Mehmuż: COM(2021) 227 final



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 6.5.2021
COM(2021) 227 final

2021/0116 (BUD)

Proposta għal

DEĊIJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara applikazzjoni mill-Finlandja – EGF/2020/007 FI/Finnair

MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

KUNTEST TAL-PROPOSTA

1. Ir-regoli applikabbli għall-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) huma stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006¹ (ir-“Regolament tal-FEG”)².
2. Fit-30 ta' Diċembru 2020, il-Finlandja ressjet applikazzjoni EGF/2020/007 FI/Finnair għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, wara li ngħataw is-sensi³ f'Finnair Oyj u f'sottokuntrattur wieħed⁴ fil-Finlandja.
3. Wara li vvalutat din l-applikazzjoni, u f'konformità mad-dispożizzjonijiet kollha applikabbli tar-Regolament tal-FEG, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribut finanzjarju mill-FEG huma ssodisfati.

SOMMARJU TAL-APPLIKAZZJONI

| | |
|--|---|
| Applikazzjoni tal-FEG | EGF/2020/007 FI/Finnair |
| Stat Membru | Il-Finlandja |
| Reġjun(i) ikkonċernat(i) (livell NUTS 2 ⁵) | Helsinki-Uusimaa (FI1B) |
| Data tat-tressiq tal-applikazzjoni | 30 ta' Diċembru 2020 |
| Data tal-konferma tal-wasla tal-applikazzjoni | 30 ta' Diċembru 2020 |
| Data tat-talba għal informazzjoni addizzjonali | 13 ta' Jannar 2021 |
| Skadenza għall-forniment tal-informazzjoni addizzjonali | 24 ta' Frar 2021 |
| Skadenza għall-ikkompletar tal-valutazzjoni | 19 ta' Mejju 2021 |
| Kriterju ta' intervent | L-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament tal-FEG |
| Intrapriża primarja | Finnair Oyj |
| Għadd ta' intrapriżi kkonċernati | 1 |
| Settur(i) tal-attività ekonomika (Id-Diviżjoni tar-Reviżjoni 2 tan-NACE) ⁶ | Id-Diviżjoni 51 (Trasport bl-ajru) |
| Għadd ta' sussidjarji, forniture u produtturi fl- | 1 |

¹ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

² Ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 huwa applikabbli għall-applikazzjoni jiet kollha li waslu sal-31 ta' Diċembru 2020.

³ Skont it-tifsira tal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-FEG.

⁴ Hub Logistics Finland Oy li jinsab fir-reġjun ta' Helsinki-Uusimaa.

⁵ Ir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1046/2012 tat-8 ta' Novembru 2012 li jimplimenta r-Regolament (KE) Nru 1059/2003 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-istabbiliment ta' klassifikazzjoni komuni ta' unitajiet territorjali għall-istatistika (NUTS), fejn tidħol it-trażmissjoni tas-serje kronoloġiċi għat-tqassim regionali l-ġdid (ĠU L 310, 9.11.2012, p. 34).

⁶ ĠU L 393, 30.12.2006, p. 1.

| | |
|---|--|
| istadju aħħari tal-produzzjoni | |
| Perjodu ta' referenza (erba' xhur): | 25 ta' Awwissu 2020 – 25 ta' Diċembru 2020 |
| Għadd ta' sensji matul il-perjodu ta' referenza (a) | 508 |
| Għadd ta' sensji qabel jew wara l-perjodu ta' referenza (b) | 0 |
| Għadd totali ta' sensji (a + b) | 508 |
| Għadd totali ta' beneficiarji eliġibbli | 508 |
| Għadd totali ta' beneficiarji fil-mira | 500 |
| Għadd ta' żgħażaq fil-mira li mhumiex f'edukazzjoni, f'impiieg jew f'taħriġ (NEETs) | 0 |
| Baġit għas-servizzi personalizzati (f'EUR) | 2 730 600 |
| Baġit għall-implimentazzjoni tal-FEG ⁷ (f'EUR) | 190 000 |
| Baġit totali (f'EUR) | 2 920 600 |
| Kontribuzzjoni tal-FEG (60 %) (f'EUR) | 1 752 360 |

VALUTAZZJONI TAL-APPLIKAZZJONI

Il-proċedura

4. Fit-30 ta' Diċembru 2020, il-Finlandja ressjet l-applikazzjoni EGF/2020/007 FI/Finnair, jiġifieri fi żmien 12-il ġimġha mid-data li fiha ġew issodisfati l-kriterji ta' intervent stabbiliti fl-Artikolu 4 tar-Regolament tal-FEG. Il-Kummissjoni rriko noxxiet il-wasla tal-applikazzjoni fl-istess data, u talbet informazzjoni addizzjonali mill-Finlandja fit-13 ta' Jannar 2021. Din l-informazzjoni addizzjonali nghatafi fi żmien sitt ġimġħat mid-data tat-talba. L-iskadenza ta' 12-il ġimġha għall-wasla tal-applikazzjoni kompluta, li fi ħdan din l-iskadenza l-Kummissjoni jenħtieġ li tiffinalizza l-valutazzjoni tagħha tal-konformità tal-applikazzjoni mal-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja, tiskadi fid-19 ta' Mejju 2021.

L-eliġibbiltà tal-applikazzjoni

Intrapriżi u beneficiarji kkonċernati

5. L-applikazzjoni tirrigwarda 508 ħaddiema li ngħataw is-sensja f'Finnair Oyj u f'sottokuntrattur wieħed. Finnair topera fis-settur ekonomiku kklassifikat skont id-Diviżjoni 51 tar-Reviżjoni 2 tan-NACE (Trasport bl-ajru). Is-sensji li ngħataw mill-intrapriżi seħħew fir-reġjun ta' livell NUTS 2 ta' Helsinki-Uusimaa (FI1B).

| Intrapriżi u għadd ta' sensji | |
|-------------------------------------|-------------------------------------|
| Finnair | 504 |
| Hub Logistics Finland Oy | 4 |
| Għadd totali ta' intrapriżi: | Għadd totali ta' sensji: 508 |
| 2 | |

⁷

F'konformità mal-Artikolu 7(4) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.

Kriterji ta' intervent

6. Il-Finlandja resqet l-applikazzjoni skont il-kriterju ta' intervent tal-Artikolu 4(1)(a) tar-Regolament tal-FEG, li jeħtieġ li minn tal-anqas 500 ħaddiem jingħataw is-sensja fuq perjodu ta' referenza ta' erba' xhur, f'intrapriża fi Stat Membru, inklużi l-ħaddiema li jingħataw is-sensja mill-fornituri u l-produtturi fl-istadju aħħari tal-produzzjoni tagħha u/jew persuni li jaħdmu għal rashom li l-attivită tagħhom twaqqfet.
7. Il-perjodu ta' referenza ta' erba' xhur għall-applikazzjoni huwa mill-25 ta' Awwissu 2020 sal-25 ta' Diċembru 2020.
8. Is-sensji matul il-perjodu ta' referenza huma kif ġej:
 - 504 ħaddiema li ngħataw is-sensja f'Finnair
 - 4 ħaddiema li ngħataw is-sensja f'sottokuntrattur ta' Finnair

Kalkolu tas-sensji u tal-waqfien mill-attivită

9. Is-sensji matul il-perjodu ta' referenza ġew ikkalkulati kif ġej:
 - 504 mid-data li fiha l-impiegatur, skont l-Artikolu 3(1) tad-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE⁸, innotifika bil-miktub lill-awtorità pubblika kompetenti bis-sensji kollettivi mbassra. Il-Finlandja kkonfermat qabel id-data tat-tlestitja tal-valutazzjoni mill-Kummissjoni, li dawn il-504 sensji tabilħaqq ingħataw.
 - 4 mid-data tal-avviż individuali tal-impiegatur biex ikeċċi jew itemm il-kuntratt ta' impieg tal-ħaddiem.

Benefiċjarji eliġibbli

10. Għalhekk, l-ġħadd totali ta' benefiċjarji eliġibbli huwa ta' 508.

Rabta bejn is-sensji u krīzi finanzjarja u ekonomika globali

11. Fil-11 ta' Marzu 2020, l-Organizzazzjoni Dinjija tas-Saħħa (WHO) iddiċċi kien id-direttiva tal-COVID-19 bħala pandemija globali. Fis-27 ta' Mejju 2020, fil-komunikazzjoni tagħha “Il-baġit tal-UE jmexxi l-pjan ta' rkupru għall-Ewropa”⁹, il-Kummissjoni Ewropea ddikjarat li l-krīzi tas-saħħa rriżultat fi krīzi ekonomika, u stabbiliert pjan ta' rkupru għall-ekonomija. Dan inkluda l-FEG bħala għoddha ta' emerġenza biex tgħin lill-persuni li tilfu xogħolhom minħabba l-krīzi ekonomika globali.
12. Il-pandemija kkawżat l-akbar reċessjoni fl-istorja tal-UE. Skont il-“Winter 2021 European Economic Forecast” tal-Kummissjoni¹⁰, il-PDG tal-UE naqas b'madwar 6,3 % fl-2020, u kien imbassar li jirkupra bi 3,7 % fl-2021 u bi 3,9 % fl-2022.
13. Il-pandemija tal-COVID-19 kellha impatt sinifikanti fuq l-industrija tal-avjazzjoni minħabba restrizzjonijiet fuq l-ivvjaġġar u tnaqqis drammatiku fit-trasport tal-

⁸ Id-Direttiva tal-Kunsill 98/59/KE tal-20 ta' Lulju 1998 dwar l-approssimazzjoni tal-ligħiġiet tal-Istati Membri dwar redundancies kollettivi (ĠU L 225, 12.8.1998, p. 16).

⁹ COM(2020) 442 final.


¹⁰ Winter 2021 Economic Forecast https://ec.europa.eu/info/business-economy-euro/economic-performance-and-forecasts/economic-forecasts/winter-2021-economic-forecast-challenging-winter-light-end-tunnel_en

passiġġieri bl-ajru. It-tnaqqis fl-ġħadd ta' passiġġieri naqqas b'mod qawwi d-dħul tal-linji tal-ajru u ġiegħel lil ħafna minnhom jagħtu s-sensja lill-impjegati jew jiddikjaraw insolvenza. F'April 2020, it-traffiku internazzjonali tal-passiġġieri naqas b'98,9 % meta mqabbel ma' April 2019 u 64 % tal-ingēnji tal-ajru globali nħażnu, li dan jirrappreżenta l-akbar kontrazzjoni fl-istorja tal-avjazzjoni¹¹.

14. F'Ġunju 2020, id-domanda tal-passiġġieri tjiebet ftit, iżda baqgħet ferm taħt il-livelli ta' qabel il-kriżi. Il-kilometri tal-passiġġieri bi dħul għall-industrija kollha naqsu b'86,5 % meta mqabbla ma' Ġunju 2019¹².

Il-volumi ta' passiġġieri tal-ajru¹³

Kilometri tal-passiġġieri bi dħul għall-industrija kollha — RPKs (f'biljuni fix-xahar)



15. Id-domanda internazzjonali tal-passiġġieri naqset b'75,6 % fl-2020 meta mqabbla mal-livelli tal-2019. Il-kapaċità (imkejla f'sit-kilometri jew ASKs disponibbli) naqset bi 68,1 % u l-fattur tat-tagħbija tal-passiġġieri (li jkejjel il-perċentwal tal-kapaċità ta' postijiet bil-qiegħda disponibbli li huma mimlija bil-passiġġieri) naqas b'19,2-il punt perċentwali għal 62,8 %¹⁴.
16. Skont it-tbassir globali tal-passiġġieri mill-Assoċjazzjoni Internazzjonali tat-Trasport bl-Ajru, l-industrija tal-avjazzjoni se tieħu bejn 3 u 4 snin biex tirkupra għal-livelli tagħha ta' qabel il-križi¹⁵.
17. Sal-lum, is-settur tat-trasport bl-ajru kien is-suġġett ta' erba' applikazzjonijiet għall-appoġġ mill-FEG, li tlieta minnhom kien bbażati fuq il-globalizzazzjoni relatata mal-kummerċ¹⁶ u waħda fuq il-kriżi ekonomika li rriżultat mill-pandemija tal-COVID-19¹⁷.

¹¹ ATAG. 2020 Aviation Benefits Beyond Borders Report: https://aviationbenefits.org/media/167186/abb2020_full.pdf

¹² IATA: Air Passenger Market Analysis, Ġunju 2020: <https://www.iata.org/en/iata-repository/publications/economic-reports/air-passenger-monthly-analysis---june-2020/>

¹³ Ibid.

¹⁴ IATA : <https://www.iata.org/en/pressroom/pr/2021-02-03-02/>

¹⁵ IATA: <https://www.iata.org/en/pressroom/pr/2020-07-28-02/>

¹⁶ EGF/2017/009 FR/Air France, COM(2018) 230; EGF/2013/014 FR Air France, COM(2014) 701 u EGF/2015/004 IT Alitalia, COM(2015) 397.

¹⁷ EGF/2020/004 NL/KLM, COM(2021)226.

Avvenimenti li wasslu għas-sensji u għall-waqfien mill-attività

18. L-avvenimenti li wasslu għal dawn is-sensji huma riżultat tal-kriżi ekonomika globali mhux mistennija kkawżata mill-pandemja tal-COVID-19.
19. Il-Finlandja tirrapporta li Finnair intlaqtet ħażin mill-impatt tal-pandemja. Qabel it-tifqigħa tal-COVID-19, Finnair kellha pożizzjoni finanzjarja b'saħħitha. Fl-2019, id-dħul ta' Finnair kiber b'9,2 %, u laħaq l-ogħla livell rekord ta' EUR 3 097 miljun, meta mqabbel ma' EUR 2 836 miljun fl-2018. Ir-riżultat operattiv ammonta għal EUR 162,8 miljun, meta mqabbel ma' EUR 256,3 miljun fl-2018, tnaqqis ta' 38 %, xprunat minn żieda fl-ispejjeż tal-fjuwil, fil-materjali tal-ingienji tal-ajru u fl-ispejjeż ta' tiġidid totali.
20. Matul l-aħħar għaxar snin, l-għadd ta' passiġġieri fl-ajruport ta' Helsinki-Vantaa żdied b'mod sinifikanti. Bejn l-2009 u l-2019, l-għadd ta' passiġġieri żdied bi 58 % minn 12,6-il miljun għal 21,9 miljun. Il-passiġġieri fuq titjuriet internazzjonali ffurmaw il-maġġoranza tat-traffiku tal-passiġġieri: 10,2 miljuni fl-2009, 18,9-il miljun fl-2019¹⁸. Fl-2019, l-għadd ta' passiġġieri ttrasportati minn Finnair żdied b'10,3 % għal 14 650 400 passiġġier, u laħaq rekord annwali ġdid¹⁹.
21. Fil-bidu tal-2020, it-traffiku tal-passiġġieri fl-ajruport ta' Helsinki-Vantaa kien għadu qed jikber. F'Jannar 2020, il-volumi tal-passiġġieri lejn iċ-Ċina żdiedu bi 58 % meta mqabbla ma' Jannar 2019. Madankollu, fi Frar 2020, il-volumi tal-passiġġieri naqsu drastikament bi 73 % minħabba s-sitwazzjoni epidemika. Finnair kellha tikkanċella ttitjuriet kollha lejn iċ-Ċina kontinentali mis-6 ta' Frar 2020 u lejn destinazzjonijiet Asjatiċi oħra mill-4 ta' Marzu 2020²⁰. Fit-13 ta' Marzu 2020, il-gvern tal-Istati Uniti llimita l-ivvjaġġar mhux essenzjali kollu lejn l-Istati Uniti tal-Amerka, għalhekk Finnair kellha tikkanċella wkoll it-titjuriet kollha lejn l-Istati Uniti tal-Amerka²¹.
22. Ir-restrizzjonijiet fis-seħħ kemm fil-Finlandja kif ukoll f'pajjiżi oħra ta' destinazzjoni affettwaw ħafna l-operazzjonijiet ta' Finnair, b'mod partikolari fir-rigward ta' titjuriet internazzjonali u interkontinentali. F'April 2020, it-traffiku tal-ajru fl-ajruport ta' Helsinki-Vantaa waqaf kważi kompletament, u baqa' biss 1 % meta mqabbel ma' April 2019 (21 000 passiġġier f'April 2020 vs. 1,8 miljun f'April 2019). Fit-tieni trimestru, meta mqabbel bejn l-2020 u l-2019, l-għadd ta' titjuriet bejn id-destinazzjonijiet Asjatiċi u Ewropej ta' Finnair naqas bi 92,1 %. L-għadd ta' passiġġieri naqas b'97,5 % minn 3,9 miljuni għal 98 000 passiġġier u l-kapaċità tat-traffiku tal-passiġġieri (ASKs) naqset b'97,2 %²².
23. Ir-Rapport Annwali ta' Finnair għall-2020 wera tnaqqis qawwi fid-dħul bi 73,2 % (minn 3 097,7 miljun għal EUR 829,2 miljun), in-numru ta' passiġġieri naqas b'76,2 % (minn 14,7-il miljun għal 3,5 miljuni) u l-kumpanija kienet akkumulat telf-operattiv ta' EUR 464,5 miljun²³.

¹⁸ Ir-rapport annwali ta' Finavia għall-2019:

<https://www.finavia.fi/sites/default/files/documents/Tilinpäätös%202019.pdf>

¹⁹ Ir-rapport annwali ta' Finnair għall-2019: <https://investors.finnair.com/~media/Files/F/Finnair-IR/documents/en/reports-and-presentation/2020/annual-report-2019.pdf>

²⁰ <https://news.cision.com/finnair/r/finnair-cancels-all-flights-to-mainland-china-between-february-6-and-february-29--customers-to.c3024652>

²¹ <https://news.cision.com/finnair/r/finnair-cancels-flights-to-us-and-delhi.c3057949>

²² Ir-rapport annwali ta' Finnair għall-2020: <https://investors.finnair.com/~media/Files/F/Finnair-IR/documents/en/reports-and-presentation/2020/half-year-2020-report-en.pdf>

²³ <https://investors.finnair.com/~media/Files/F/Finnair-IR/documents/en/reports-and-presentation/2021/annual-report-2020.pdf>

24. Finnair kellha tnaqqas l-ispejjeż tagħha sabiex tindirizza din il-kriżi u sar iffrankar fil-proprietà immobblu, fil-kiri tal-ingénji tal-ajru, fl-IT (id-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni tal-proċessi tal-klijenti tagħha), fl-ispejjeż tal-bejgħ u ddistribuzzjoni, kif ukoll fl-ispejjeż amministrattivi u fl-istrutturi ta' kumpens. Dan wassal biex il-forza tax-xogħol titnaqqas b'1 000 impjieg²⁴.

Impatt mistenni tas-sensji fir-rigward tal-ekonomija u l-impjieg lokali, regionali jew nazzjonali

25. Il-kontribut tas-settur tal-avjazzjoni għall-ekonomija tal-Finlandja huwa sinifikanti. Fl-2020, l-industrija kienet timpjega 42 000 persuna (23 000 impjieg dirett u 19 000 impjieg indirett) u kkontribwiet EUR 8,8 biljun għall-PDG tal-Finlandja, u b'hekk kienet tirrappreżenta 3,2 % tal-PDG totali²⁵. Finnair hija l-akbar linja tal-ajru tal-Finlandja bil-hub tagħha fl-ajruport ta' Helsinki-Vantaa. Fi tmiem l-2019, Finnair kellha 6 788 impjegat u operat it-traffiku lejn 132 destinazzjoni²⁶.
26. Is-sensji f'Finnair għandhom impatt serju fuq l-ekonomija nazzjonali. Ir-reġjun NUTS 2 milqut mis-sensji huwa Helsinki-Uusimaa, fejn Finnair għandha l-hub operattiv tagħha. Bejn Frar u April 2020, l-għadd ta' persuni qiegħda li qed ifittxu impjieg fir-reġjun ta' Helsinki-Uusimaa żdied b'22,5 % minn 68 016 għal 83 340. Fuq bażi annwali u minkejja l-miżuri biex jiġu ppreservati l-impjieg, ir-rata tal-qħad fir-reġjun ta' Helsinki-Uusimaa żdiedet b' 0,8 punti perċentwali, minn 6,4 % fl-2019 għal 7,2 % fl-2020²⁷.
27. Fl-2020, ir-rata tal-qħad nazzjonali kienet ta' 7,8 %, jiġifieri 1,1 punti perċentwali ogħla milli fl-2019²⁸. Il-Ministeru tal-Finanzi Finlandiż stima li r-rata tal-qħad se tkompli tiżidied għal 8,2 % fl-2021, qabel ma tonqos għal 7,8 % fl-2022²⁹.
28. Minħabba ż-żieda fil-qħad li tirriżulta mill-kriżi, l-impjieg mill-ġdid ta' dawk li kienu ġaddiema ta' Finnair se jkun diffiċli. L-awtoritajiet Finlandiż jargumentaw li l-ġaddiema li ngħataw is-sensja jeħtieġu gwida u appoġġ personalizzati għat-tfittxija ta' impjieg, flimkien ma' titjib tal-ħiliet u taħrif mill-ġdid imfassla apposta biex iżidu l-possibbiltajiet tagħhom ta' impjieg mill-ġdid.

Il-benefiċjarji fil-mira u l-azzjonijiet proposti

Benefiċjarji fil-mira

29. Mill-508 persuni eliġibbli, l-għadd stmat ta' ġaddiema li ngħataw is-sensji li huma mistennija li jipparteċipaw fil-miżuri tal-FEG huwa ta' 500. It-tqassim ta' dawn il-ġaddiema li ngħataw is-sensja skont is-sess, iċ-ċittadinanza u l-grupp ta' età huwa kif ġej:

²⁴ <https://company.finnair.com/en/media/all-releases/news?id=3751510> and <https://www.aviation24.be/airlines/finnair/finnair-targets-100-million-euros-cost-base-reductions-plans-to-reduce-1-000-jobs/>

²⁵ Air Transport Action Group (ATAG), Aviation Benefits Beyond Borders: <https://aviationbenefits.org/downloads/aviation-benefits-beyond-borders-2020/>

²⁶ Ir-rapport annwali ta' Finnair għall-2019: <https://investors.finnair.com/~media/Files/F/Finnair-IR/documents/en/reports-and-presentation/2020/annual-report-2019.pdf>

²⁷ Il-bażi tad-data tal-istatistika tal-Finlandja <https://pxnet2.stat.fi/PXWeb/pxweb/en/StatFin/> https://www.stat.fi/til/tyti/2020/13/tyti_2020_13_2021-03-04_tie_001_en.html

²⁸ Statistika tal-Finlandja https://www.stat.fi/til/tyti/2020/09/tyti_2020_09_2020-10-20_tie_001_en.html and <https://julkaisut.valtioneuvosto.fi/bitstream/handle/10024/162542/TEM%20työmarkkinaennuste%20syksy%202020.pdf>

| Kategorija | | Għadd ta' benefiċjarji fil-mira |
|----------------|------------------------|---------------------------------|
| Sess: | Irġiel: | 280 (56,00 %) |
| | Nisa: | 220 (44,00 %) |
| Ċittadinanza: | Ċittadini tal-UE: | 493 (98,60 %) |
| | Ċittadini mhux tal-UE: | 7 (1,40 %) |
| Grupp ta' età: | 15–24 sena: | 19 (3,80 %) |
| | 25–29 sena: | 28 (5,60 %) |
| | 30–54 sena: | 312 (62,40 %) |
| | 55–64 sena: | 141 (28,20 %) |
| | aktar minn 64 sena: | 0 (0,00 %) |

Eliġibbiltà tal-azzjonijiet proposti

30. Is-servizzi personalizzati li jridu jiġu pprovduti lill-ħaddiema li ngħataw is-sensja jikkonsistu fl-azzjonijiet li ġejjin:

- Coaching u miżuri oħra ta' tħejjija. Dawn jinkludu 1) Valutazzjoni esperta tal-kompetenzi professjonalni ta' min qed ifitdex impieg u tal-ħtiġijiet għass-servizzi; 2) Valutazzjoni tal-kompetenza biex jiġu mmappjati l-parteċipanti skont il-kompetenzi u l-perspektivi ta' impieg tagħhom; 3) Taħriġ fit-tfittxija ta' impieg u informazzjoni dwar is-suq tax-xogħol; 4) Coaching intensiv dwar il-karriera u l-individwu biex jappoġġa u jiggwida lill-parteċipanti fit-tfittxija ta' impieg.
- Impiegi u servizzi tan-negozju. Din il-miżura se tiprovd ꝑwida vokazzjonali u ta' tfittxija ta' impieg, konsulenza, evalwazzjonijiet tal-kapaċitā tax-xogħol u provi. Se jiġu organizzati wkoll avvenimenti ta' reklutaġġ u ta' informazzjoni.
- Taħriġ. Dan se jipprovd programm imfassal apposta “Further Educated with Companies (F.E.C.)³⁰” żviluppat mill-awtoritatjiet Finlandiżi li għandu l-għan li jlaqqa’ flimkien kandidati għal impieg u kumpaniji li jkunu qed ifittxu li jirreklutaw. Il-parteċipanti se jirċievu wkoll taħriġ dwar il-kwalifikati vokazzjonali, inkluż korsijiet bħall-iżvilupp tan-negozju, it-taħriġ eżekuttiv, ir-riżorsi umani, il-bejgħ u l-kummerċjalizzazzjoni, l-intelliġenza artifiċjali (A.I.), is-sigurtà digiżi, ir-robotika, il-ġestjoni finanzjarja, il-ġestjoni tal-proġetti, eċċ.
- Sussidju tal-pagi. Din il-miżura se tappoġġa xogħol f'impieg ġdid billi jitnaqqsu l-ispejjeż tal-pagi. Is-sussidju tal-paga se jkun minn 30 sa 50 fil-mija tal-ispejjeż tal-pagi u mħallsa lill-impiegatur. L-ammont u kemm idum is-sussidju jiddependu fuq kemm idum il-perjodu tal-qgħad.

³⁰

<https://www.aaltopro.fi/en/services-in-change-situations/f.e.c.-programs-and-recruitment>

- Għotja biex jinbeda negozju. L-għan tal-ġhotja huwa li tippromwovi l-ħolqien ta' attivitajiet tan-negozju u l-impieg ta' persuni individwali. L-ġhotja biex jinbeda negozju tiżgura introjtu għal imprenditur aspiranti matul iż-żmien stmat li hu meħtieġ biex jitnieda u jitwaqqaf negozju full-time, sa massimu ta' 12-il xahar.
 - Jistgħu jingħataw allowances għall-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni u t-tnejħiha biex ikopru n-nefqa relatata mġarrba waqt it-tfittxija ta' impieg jew waqt it-taħriġ.
31. L-azzjonijiet proposti deskritti hawnhekk jikkostitwixxu miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fil-kuntest tal-azzjonijiet eliġibbli, stabbiliti fl-Artikolu 7 tar-Regolament tal-FEG. Dawn l-azzjonijiet ma jissostitwux il-miżuri passivi ta' protezzjoni soċjali.
32. Il-Finlandja pprovdiet l-informazzjoni meħtieġa dwar azzjonijiet li huma obbligatorji għall-intraprija kkonċernata bis-saħħha tal-liġi nazzjonali jew skont il-ftehimiet kolletti. Huma kkonfermaw li kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhijiex se tissostitwixxi dawn l-azzjonijiet.

Baġit stmat

33. L-ispejjeż totali stmati huma ta' EUR 2 920 600, li jinkludu nefqa ta' EUR 2 730 600 għal servizzi personalizzati u nefqa ta' EUR 190 000 għal attivitajiet ta' tħejjija, ta' ġestjoni, ta' informazzjoni u pubbliċità, ta' kontroll u ta' rapportar.
34. Il-kontribuzzjoni finanzjarja totali mitluba biex tingħata mill-FEG hija ta' EUR 1 752 360 (60 % tal-ispejjeż totali).

| Azzjonijiet | Għadd stmat ta' parteċipanti | Spiżza stmati għal kull parteċipant (f'EUR) ³¹ | Spejjeż totali stmati (f'EUR) ³² |
|-------------|------------------------------|---|---|
|-------------|------------------------------|---|---|

Servizzi personalizzati (Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(a) u (c) tar-Regolament tal-FEG)

| | | | |
|--|-----|-------|-----------|
| Coaching u miżuri oħra ta' tħejjija | 450 | 1 556 | 700 000 |
| Impieggi u servizzi tan-negozju | 500 | 400 | 200 000 |
| Taħriġ | 300 | 4 333 | 1 300 000 |
| Subtotal (a): | | | 2 200 000 |
| Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati | | — | (80,57 %) |

Benefiċċi u incēntivi (Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament tal-FEG)

| | | | |
|-------------------|----|-------|---------|
| Sussidju tal-pagi | 60 | 6 000 | 360 000 |
|-------------------|----|-------|---------|

³¹ Biex jiġu evitati d-deċimali, l-ispejjeż stmati għal kull ħaddiem ġew approssimati. Madankollu, l-approssimazzjoni taċ-ċifri ma għandha l-ebda impatt fuq l-ispiżza totali ta' kull miżura, li tibqa' kif inhi fl-applikazzjoni mressqa mill-Finlandja.

³² It-totali ma jaqblux minħabba l-approssimazzjoni taċ-ċifri.

| | | | |
|--|----|-------|----------------------|
| Allowances għall-ivvjaġġar, l-akkomodazzjoni u t-tnejħija | 25 | 200 | 5 000 |
| Għotja biex jinbeda negozju | 20 | 8 280 | 165 600 |
| Subtotal (b): Perċentwal tal-pakkett ta' servizzi personalizzati: | — | — | 530 600 (19,43 %) |
| Azzjonijiet skont l-Artikolu 7(4) tar-Regolament tal-FEG | | | |
| 1. Attivitajiet ta' tħejjija | — | — | 0 |
| 2. Ġestjoni | — | — | 160 000 |
| 3. Informazzjoni u pubbliċità | — | — | 15 000 |
| 4. Kontroll u rapportar | — | — | 15 000 |
| Subtotal (c): Perċentwal tal-ispejjeż totali: | — | — | 190 000 (6,51 %) |
| Spejjeż totali (a + b + c): | — | — | 2 920 600 |
| Kontribuzzjoni tal-FEG (60 % tal-ispejjeż totali) | — | — | 1 752 360 |

35. L-ispejjeż tal-azzjonijiet identifikati fit-tabella ta' hawn fuq bħala azzjonijiet skont l-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament tal-FEG ma jaqbżux il-35 % tal-ispejjeż totali tal-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati. Il-Finlandja kkonfermat li dawn l-azzjonijiet jiddependu fuq il-parteċipazzjoni attiva tal-benefiċjarji fil-mira fl-attivitajiet ta' tfittxija ta' impieg jew ta' taħriġ.
36. Il-Finlandja kkonfermat li l-ispejjeż tal-investimenti għall-ħaddiema indipendenti, il-ftuħ ta' negozji u l-akkwiżizzjonijiet minn impiegati mhux se jaqbżu l-EUR 15 000 għal kull benefiċjarju.

Perjodu ta' eliggibbiltà tan-nefqa

37. Il-Finlandja bdiet tipprovdi s-servizzi personalizzati lill-benefiċjarji fil-mira fil-21 ta' Ottubru 2020. Għalhekk, in-nefqa fuq dawn l-azzjonijiet se tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-21 ta' Ottubru 2020 sat-30 ta' Diċembru 2022.
38. Il-Finlandja bdiet iġġarrab in-nefqa amministrattiva sabiex timplimenta l-FEG fil-21 ta' Ottubru 2020. Għalhekk, in-nefqa għal attivitajiet ta' tħejjija, ta' ġestjoni, ta' informazzjoni u pubbliċità, ta' kontroll u ta' rapportar għandha tkun eliġibbli għal kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mill-21 ta' Ottubru 2020 sat-30 ta' Ġunju 2023.

Komplementarjetà mal-azzjonijiet iffinanzjati minn fondi nazzjonali jew tal-Unjoni

39. Is-sorsi ta' prefinanzjament jew ta' kofinanzjament nazzjonali huma s-servizzi tal-impieg pubbliku fil-fergħa amministrattiva tal-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Impjiegi (MEAE). Xi servizzi se jkunu ffinanzjati wkoll min-nefqa operattiva taċ-Ċentri għall-Iżvilupp Ekonomiku, it-Trasport u l-Ambjent (Ċentri ELY) u l-Uffiċċċi għall-Iżvilupp Ekonomiku u tal-Impjiegi (Uffiċċċi TE).

40. Il-Finlandja kkonfermat li l-miżuri deskritt i hawn fuq li jircieu kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG mhux se jircieu kontribuzzjonijiet finanzjarji minn strumenti finanzjarji oħrajn tal-Unjoni³³.

Proċeduri għall-konsultazzjoni mal-benefiċjarji fil-mira, mar-rappreżentanti tagħhom, mas-ħab soċjali jew mal-awtoritajiet lokali u regionali

41. Il-Finlandja indikat li l-pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati sar f'konsultazzjoni ma' grupp ta' ħidma. L-aktivitajiet ta' tħejjija inkludew laqgħat mar-rappreżentanti taċ-Ċentri għall-Iżvilupp Ekonomiku, it-Trasport u l-Ambjent u l-uffiċċi TE ta' Uusimaa, ta' Finnair u ta' Trade Unions, jiġifieri Ilmailualan Unioni (IAU), Finnairin insinör ja ylemmä Toimihenkilöt (FINTO), Auto ja Kuljetusalan Tyontekijaliitto ry (AKT) u Trade Union Pro.

Is-sistemi ta' ġestjoni u ta' kontroll

42. L-applikazzjoni tinkludi deskriżzjoni tas-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll li tispeċifika r-responsabbiltajiet tal-korpi involuti. Il-Finlandja nnotifikat lill-Kummissjoni li l-kontribuzzjoni finanzjarja se tkun ġestita mill-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Impjieg, li jaġixxi bħala l-awtorità ta' ġestjoni u ta' ċertifikazzjoni għall-FEG u bħala korp intermedju li jqassam il-fondi tal-FEG. Il-funzjonijiet ta' ġestjoni għall-FEG ġew assenjati lid-Dipartiment tas-Servizzi tar-Reġjuni u t-Tkabbir, li jaġixxi wkoll bħala l-awtorità ta' ġestjoni għall-Fond Soċjali Ewropew. Iċ-Ċentri għall-Iżvilupp Ekonomiku, it-Trasport u l-Ambjent (Ċentri ELY) huma responsabbli mill-implimentazzjoni tal-miżuri ffinanzjati mill-FEG.
43. Rigward ir-rwol tal-awtorità ta' ċertifikazzjoni, dan huwa f'idejn l-Unità tar-Riżorsi Umani u l-Amministrazzjoni. Fir-rigward tal-awditjar, il-korp responsabbli huwa l-Unità tal-Auditjar Intern indipendent, li topera taħt is-Segretarju Permanenti tal-Ministeru tal-Affarijiet Ekonomiċi u l-Impjieg.

L-impenji pprovdu mill-Istat Membru kkonċernat

44. Il-Finlandja pprovdiet l-assigurazzjonijiet meħtieġa kollha rigward dawn li ġejjin:
- il-prinċipji tal-ugwaljanza tat-trattament u tan-nondiskriminazzjoni se jiġu rispettati fil-kuntest tal-aċċess għall-azzjonijiet proposti u fl-implimentazzjoni tagħhom,
 - inżammet il-konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar is-sensji kolletti,
 - Finnair, li ssoktat bl-attivitàajiet tagħha wara s-sensji, ikkonformat mal-obbligi legali tagħha li tirregola s-sensji u pprovidiet għall-ħaddiema tagħha skont dan,
 - l-azzjonijiet proposti mhumiex se jircieu appoġġ finanzjarju minn fondi jew minn strumenti finanzjarji oħrajn tal-Unjoni, u se jiġi evitat kwalunkwe finanzjament doppju,
 - l-azzjonijiet proposti se jikkomplementaw l-azzjonijiet iffinanzjati mill-Fondi Strutturali,
 - il-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se tkun konformi mar-regoli proċedurali u materjali tal-Unjoni dwar l-ghajjnuna mill-Istat.

³³ Fit-18 ta' Mejju 2020, il-Kummissjoni Ewropea approvat miżura ta' ġħajnuna Finlandiża li tikkonsisti f'garanzija mill-Istat fuq self ta' EUR 600 miljun lil Finnair biex jittaffa l-impatt ekonomiku tat-tifqigħa tal-coronavirus fuq il-kumpanija. https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/en/IP_20_1032

IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA

Proposta bağıtarja

45. Il-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta' EUR 186 miljun (il-prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027³⁴.
46. Wara li eżaminat l-applikazzjoni fir-rigward tal-kundizzjonijiet stipulati fl-Artikolu 13(1) tar-Regolament tal-FEG, u wara li qieset l-għadd ta' beneficiarji fil-mira, l-azzjonijiet proposti u l-ispejjeż stmati, il-Kummissjoni tiproponi li timmobilizza l-FEG għall-ammont ta' EUR 1 752 360, li jirrappreżenta 60 % tal-ispejjeż totali tal-azzjonijiet proposti, sabiex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja għall-applikazzjoni.
47. Id-deċiżjoni proposta għall-mobilizzazzjoni tal-FEG se tittieħed b'mod konġunt mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill, kif stabbilit fil-punt 9 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina bağıtarja, dwar kooperazzjoni f'materji bağıtarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba kif ukoll dwar riżorsi proprji ġonna, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġonna³⁵.

Atti relatati

48. Fl-istess waqt li tippreżenta din il-proposta għal deċiżjoni sabiex jiġi mmobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se tippreżenta lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill, proposta għal trasferiment tal-ammont ta' EUR 1 752 360 għal-linja bağıtarja rilevanti.
49. Fl-istess waqt li tadotta din il-proposta għal deċiżjoni biex jiġi mobilizzat il-FEG, il-Kummissjoni se tadotta deċiżjoni fuq kontribuzzjoni finanzjarja, permezz ta' att ta' implimentazzjoni, li se tidħol fis-seħħ fid-data li fiha l-Parlament Ewropew u l-Kunsill jadottaw id-deċiżjoni proposta biex jiġi mmobilizzat il-FEG.

³⁴ ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 15.

³⁵ ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 29.

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni wara applikazzjoni mill-Finlandja – EGF/2020/007 FI/Finnair

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidraw ir-Regolament (UE) Nru 1309/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2014-2020) u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 1927/2006³⁶, u b'mod partikolari l-Artikolu 15(4) tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-Ftehim Interistituzzjonal tas-16 ta' Diċembru 2020 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni Ewropea dwar dixxiplina baġitarja, dwar kooperazzjoni f'materji baġitarji u dwar ġestjoni finanzjarja tajba kif ukoll dwar riżorsi proprji ġodda, inkluż pjan direzzjonali lejn l-introduzzjoni ta' riżorsi proprji ġodda³⁷, u b'mod partikolari l-punt 9 tiegħu,

Wara li kkunsidraw il-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEG) għandu l-għan li jipprovd appoġġ lill-ħaddiem li jkunu ngħataw is-sensja u lil persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom waqfet b'riżultat ta' bidliet strutturali kbar fix-xejriet tal-kummer ċi minħabba l-globalizzazzjoni, b'riżultat ta' kontinwazzjoni tal-kriżi finanzjarja u ekonomika globali, jew b'riżultat ta' kriżi finanzjarja u ekonomika globali ġidha, u biex jgħinhom fl-integrazzjoni mill-ġdid tagħhom fis-suq tax-xogħol.
- (2) Il-FEG ma għandux jaqbeż l-ammont massimu annwali ta' EUR 186 miljun (il-prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8(1) tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 2020/2093³⁸.
- (3) Fit-30 ta' Diċembru 2020, il-Finlandja ressjet applikazzjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, fir-rigward ta' sensji f'Finnair Oyj u f'sottokuntrattur wieħed. Din kienet issupplementata b'informazzjoni addizzjonali pprovdu f'konformità mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013. Dik l-applikazzjoni tikkonforma mar-rekiżi għad-determinazzjoni ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG, kif stabbilit fl-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) Nru 1309/2013.
- (4) Għalhekk, jenħtieġ li l-FEG jiġi mmobilizzat sabiex tingħata kontribuzzjoni finanzjarja li tamonta għal EUR 1 752 360 għall-applikazzjoni mressqa mill-Finlandja.

³⁶ ĠU L 347, 20.12.2013, p. 855.

³⁷ ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 29.

³⁸ Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta' Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 (ĠU L 433I, 22.12.2020, p. 11).

- (5) Sabiex jitnaqqas kemm jista' jkun iż-żmien li jittieħed għall-mobilizzazzjoni tal-FEG, jenħtieġ li din id-deċiżjoni tapplika mid-data tal-adozzjoni tagħha,

ADOTTAW DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Għall-baġit ġenerali tal-Unjoni għas-sena finanzjarja 2021, il-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għandu jiġi mmobilizzat biex jiprovvdi l-ammont ta' EUR 1 752 360 f'apprajazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-publikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea. Għandha tapplika minn [id-data tal-adozzjoni tagħha]*.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Parlament Ewropew
Il-President*

*Għall-Kunsill
Il-President*

* Id-data trid tiddahħhal mill-Parlament qabel il-publikazzjoni fil-ĠU.